MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 508/2009

**Daniella Vella (ID no. 312479M)**

***kontra***

**Awtorita` tad-Djar**

**Il-Qorti :**

**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-26 ta` Mejju 2009 li jaqra hekk–

*Illi r-rikorrenti ilha mis-sena 2000 u ghadha sal-lum tirrisjedi gewwa l-fond numru 36, Triq St Ursola, Valletta bhala l-unika residenza taghha ;*

*2. Illi originarjament ir-rikorrenti kienet tirrisjedi fil-fond fuq indikat ma` Michele Vella, iz-ziju tar-rikorrenti, li kien ilu jirrisjedi gewwa l-fond numru 36, Triq St Ursola, Valletta taht titolu ta` kera moghti lilu mill-Awtorita` tad-Djar ;*

*3. Illi sa mis-sena 2001 ir-rikorrenti kienet tippresta kuri lil Michele Vella u kif ukoll peress illi hija kienet qed tirrisjedi fl-istess fond, ghamlet spejjez u benefikati sostanzjali fil-fond 36, Triq St Ursola, Valletta ;*

*4. Illi dan il-fond kien gie rekwizizzjonat minghand is-sidien mill-Awtorita` tad-Djar permezz ta` ordni ta` rekwizizzjoni numru 45928/83 ;*

*5. Illi Michele Vella miet fid-29 ta` Dicembru 2005 ;*

*6. Illi fid-data tal-mewt ta` Michele Vella l-istess Michele Vella kien legalment isseparat minn martu Margaret Vella nee Mallan u l-istess Margaret Vella nee Mallan ma kinitx tirrispjedi mieghu fil-fond 36, Triq St Ursola, Valletta ;*

*7. Illi konsegwentement id-drittijiet tal-kera ta` Michele Vella gew trasmessi favur ir-rikorrenti ;*

*8. Illi wara l-mewt ta` Michele Vella r-rikorrenti dejjem kienet informata minn impjegati tal-Awtorita` tad-Djar illi hija kellha l-jedd li tibqa` tirrisjedi fil-fond 36, Triq St Ursola, Valletta u li f`qasir zmien hija kienet ser tigi registrata fuq dan il-fond mal-istess Awtorita` tad-Djar ;*

*9. Illi nonostante dawn il-weghdi l-istess Awtorita` tad-Djar ittratjena milli jaghraf lir-rikorrenti izda cio` nonostante r-rikorrenti dejjem iddepositat il-kera l-Qorti ;*

*10. Illi fit-23 ta` Ottubru 2008 l-Awtorita` tad-Djar minghajr il-kunsens u / jew l-awtorizzazzjoni tar-rikorrenti, ghogobha tohrog ordni ta` derekwizizzjoni u dan minkejja li l-prerekwiziti ghal hrug ta` tali ordni, u*

*cioe` dawk stabbiliti mill-Kap 125 tal-Ligijiet ta` Malta ma kinux sehhew u lanqas kienu ezistenti u dan bi ksur lampanti tad-drittijiet tar-rikorrenti ;*

*11. Illi r-rikorrenti fl-20 ta` Marzu 2009 ipprezentat ittra ufficcjali fil-konfront tal-Awtorita` tad-Djar ai termini tal-Artikolu 460(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna :*

*(i) Tiddikjara illi r-rikorrenti ghandha d-dritt tirrisjedi fil-fond 36, St Ursola Street, Valletta taht titolu ta` kera derivanti lilha minn Michele Vella ;*

*(ii) Tiddikjara illi ma kinux jikkonkorru l-prerekwiziti stabbiliti mill-Kap 125 tal-Ligijiet ta` Malta ghal hrug ta` ordni ta` derekwizizzjoni mill-Awtorita` tad-Djar, stante li tali prerekwiziti ma kinux sehhew u lanqas kienu ezistenti ;*

*(iii) Tiddikjara illi l-Awtorita` tad-Djar ma kellhiex il-jedd li taghti ordni ta` derekwizizzjoni tal-fond 36, St Ursola Street, Valletta stante li l-procedura kif stabbilita mill-Kap 125 ma gietx segwita ;*

*(iv) Tiddikjara li l-ordni ta` derekwizizzjoni relattiv ghar-rekwizizzjoni numru 45928 hija nulla, invalida u mhux effettiva ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u tordna r-reintegrazzjoni tar-rikorrenti fid-drittijiet taghha u per konsegwenza tordna lill-Awtorita` tad-Djar taghraf lir-rikorrenti bhala nkwilina tal-fond 36, St Ursola Street, Valletta.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata li kienet prezentata fit-13 ta` Lulju 2009 li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*2. Illi l-gudizzju mhux integru stante li s-sidien tal-fond mertu tal-kaz ma gewx inkluzi fil-kawza.*

*3. Illi l-ezercizzju ta` hrug ta` ordni ta` rekwizizzjoni hija mansjoni li ghandha tigi uzata b`mod eccezzjonali u ma ghandhiex tkun ir-regola. Il-ligi tindika meta tali ordni jista` jsir izda ma taghmilx restrizzjoni fuq it-tnehhija taghha. Hija l-politika tal-Awtorita` li ordnijiet ta` rekwizizzjoni jitnehhew sabiex sidien jergghu jinghataw lura l-proprjeta` taghhom.*

*4. Illi ordni ta` de-rekwizizzjoni tista` ssir f`kull waqt anke sabiex ma jigux lezi d-drittijiet proprjetarji tas-sidien.*

*5. Illi ma hemm ebda pre-rekwiziti sabiex jinhareg ordni ta` de-rekwizizzjoni. La l-ligi – Kap 125 – u la l-gurisprudenza ma tindika xi pre-rekwiziti ghal hrug ta` ordni ta` de-rekwizizzjoni. L-entita` li tohrog ordni tista` tirtiraha meta jidhrilha li ghandha taghmel dan.*

*6. Illi bl-ebda mod ma tista` l-attrici tigi meqjusa bhala nkwilina jew tistenna li tibbenefika minn xi drittijiet moghtija lill-inkwilini u s-setgha li l-konvenuti ghandhom li johorgu ordni ta` de-rekwizizzjoni, sabiex sidien li gew imcahhda mill-proprjeta` taghhom jinghataw lura dik il-proprjeta`, ma tistax tigi mxekkla.*

*7. Illi ntant fil-mertu jinghad illi l-fond 36, St. Ursola Street, Valletta proprjeta` ta` sidien privati kien rekwizizzjonat (RO nru 45928) u allokat lil Michael Vella fit-12 ta` April 1999. Ittra datata 16 ta` Gunju 2003 mibghuta minn San Vincenz de Paule lid-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali (Dok 1) tindika li qabel ma dahal f`din l-istituzzjoni Michele Vella kien residenti 23, Kappucini Street, B`Kara. Il-Common Database System ufficjali tal-Gvern jindika li Michele Vella fis-sena 2003 kien residenti San Vincenz (Dok 2).*

*8. Illi fit-3 ta` Lulju 2003 id-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni Socjali ttermina l-kera ta` Michele Vella permezz ta` ittra Dok 3. Intant id-Dipartiment fid-9 ta` Ottubru 2003 kiteb lill-Pulizija (Dok 4) sabiex Daniela Vella tinhareg mill-fond de quo li kien perikolanti.*

*9. Fl-24 ta` Marzu 2004 l-attrici kienet mitluba tirritorna c-cwievet lid-Dipartiment (Dok 5). Michele Vella miet fid-29 ta` Dicembru 2005.*

*10. Illi intant jekk l-attrici qed tinsisti li hi ghandha kirja valida allura ma ghandhiex ghalfejn tinkwieta li l-ordni ta` rekwizizzjoni li kien intiz li jkopri lil Michele Vella (u mhux lilha) tnehha a beneficcju tas-sidien li kienu mcahhda mill-fond taghhom ghal tant zmien.*

*11. Illi ordnijiet ta` rekwizizzjoni li huma ntizi biex jghinu lil min hu fil-bzonn bhal ma d-dipartiment deherlu li kien Michele Vella – l-Awtorita` mhijiex obbligata li zzomm ordni ta` rekwizizzjoni veljanti meta ma thossx li hemm xi persuni ohra li haqqhom tali protezzjoni. L-ghazla ta` hrug u / jew zamma ta` tali ordni hi mansjoni li ma tistax u ma ghandhiex tigi censurata lanqas gudizzjarjament. L-Awtorita` hi fl-obbligu li tqis il-bzonnijiet ta` sidien li wkoll u fuq kollox huma effetwati minn ordni ta` rekwizizzjoni.*

Rat il-lista ta` xhieda ndikati mill-Awtorita` konvenuta u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Semghet ix-xiehda ta` Mary Tanti mill-Ufficcju Elettorali fl-udjenza tad-19 ta` Novembru 2009 u rat id-dokumenti li pprezentat ix-xhud.

Semghet ix-xiehda ta` Annabelle Camilleri mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, Gerald Cardona mid-Dar San Vincenz de Paule, Mary Tanti mill-Ufficcju Elettorali u Pauline Schembri fl-udjenza tas-27 ta` Mejju 2010 u rat id-dokumenti li kienu prezentati waqt l-udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Gerald Cardona mid-Dar San Vincenz de Paule, Mary Tanti mill-Ufficcju Elettorali u Annabelle Camilleri mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fl-udjenza tas-26 ta` Ottubru 2010 u rat id-dokumenti li kienu prezentati waqt l-udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Carmen Azzopardi mill-Awtorita` tad-Djar u lill-attrici fl-udjenza tal-24 ta` Jannar 2011 u rat id-dokument li pprezentat l-attrici fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Carmen Azzopardi mill-Awtorita` tad-Djar u lill-attrici fl-udjenza tat-3 ta` Novembru 2011.

Semghet ix-xiehda ta` Connie Bonaci u ta` Carmen Azzopardi mill-Awtorita` tad-Djar fl-udjenza tat-3 ta` Frar 2012.

Semghet il-kontroezami ta` Carmen Azzopardi mill-Awtorita` tad-Djar fl-udjenza tat-2 ta` Ottubru 2012 u rat id-dokumenti li pprezentat ix-xhud fl-istess udjenza.

Kompliet tisma` l-kontroezami ta` Carmen Azzopardi mill-Awtorita` tad-Djar fl-udjenza tas-6 ta` Gunju 2012 u rat id-dokumenti li pprezentat ix-xhud fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Grazia Vella fl-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2013.

Semghet ix-xiehda tal-Perit Anton Camilleri fl-udjenza tat-12 ta` Dicembru 2013.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-5 ta` Mejju 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. Provi

**Mary Tanti** mill-Ufficcju Elettorali xehdet illi skond ir-Registru Elettorali ta` April 2000, l-attrici kienet registrata go fond fi Triq Guze Galea, Qormi ; imbaghad f`Lulju tal-istess sena, bidlet l-indirizz taghha ghal 36, Triq Sant` Ursola, Valletta. Ipprezentat estratti mir-registru elettorali - Dok MT. Minn ricerka li ghamlet dwar Michele Vella, jirrizulta illi dan kien registrat fil-fond 23, Triq il-Kappucini, Kalkara. Fid-9 ta` Settembru 1999, kien registrat fil-fond 36, Triq Sant`Ursola, Valletta. Jirrizulta li fil-25 ta` Settembru 2000, mar San Vincenz de Paule. U fl-14 ta` Frar 2003, rega` mar fil-fond tal-Kalkara. Fid-9 ta` Mejju 2005, rega mar San Vincenz de Paule u baqa hemm sakemm miet fit-20 ta` Dicembru 2005.

Kompliet tixhed li l-attrici applikat ghall-ewwel darba fit-28 ta` Settembru 1993. L-indirizz taghha kien Casa di Catania, Triq Guze Galea, Qormi. Fl-4 ta` Lulju 2000, bidlet l-indirizz taghha ghal 36, Triq Sant` Ursula, Valletta. Wara ma regghetx bidlet l-

indirizz. Dwar Margaret Malan, li kienet il-mara ta` Michele Vella, irrizulta li fl-ahhar ta` Marzu 1964, kienet applikat ghall-vot u l-indirizz taghha kien 49E, Triq il-Kapuccini, Kalkara. Fis-17 ta` Settembru 1990, l-indirizz taghha sar 23, Triq il-Kapuccini, Kalkara ; dan kien bdil tal-indirizz u mhux bdil fin-numru. Fid-29 ta` Mejju 1995, bidlet l-indirizz ghal 49C. Fis-6 ta` Frar 2001, kien hemm bdil ghal 49E. Fl-20 ta` Frar 2002, marret toqghod Casa D`Alessandro, Triq William Lasser, Fgura. U fis-16 ta` Awissu 2002, marret "Divine Heart", Triq William Lasser, Fgura.

**Annabelle Camilleri** mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma pprezentat statements dwar l-fond 36, Triq Sant` Ursola, Valletta – Dok WSC 1. Jirrizulta li bejn Marzu 2000 u Dicembru 2009, kull kont thallas. Il-kont kien johrog fuq Michele Vella. Mistoqsija fuq min tohrog ir-ricevuta jekk il-kont jithallas minn xi hadd iehor, ix-xhud wiegbet illi jekk persuna tmur thallas kont personalment fl-ufficcju tal-korporazzjoni, allura r-ricevuta tohrog fuq dik il-persuna ; jekk il-hlas isir permezz ta` cheque, allura r-ricevuta tohrog fuq Michele Vella. Mill-konsum registrat fil-kont kien jidher li l-post kien qed jintuza. Ipprezentat Dok WSC 2 u Dok WSC 3 ; skond dawn id-dokumenti, minn April 2005 `l quddiem, il-konsum tad-dawl u l-ilma fil-fond kien normali. Il-kont kien ghadu jidher fuq Michele Vella.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud wiegbet li ma jirrizultax li xi hadd kien qed jiehu sussidju.

Fir-**riezami**, ix-xhud stqarret li Michele Vella kellu kont fuq post 108/9, Xghajra Beach, Xghajra. Il-kont infetah fl-10 ta` Ottobru 1998. Ghalkemm Michele Vella huwa mejjet, il-kontijiet kienu jithallsu regolarment, u hadd talab li jinbidel l-isem tas-subscriber.

Qalet ukoll illi fit-13 ta` Jannar 2010, kien hemm trasferiment minn mill-kont tal-post tax-Xghajra bin-Nru 753343050 ghall-kont relattiv ghall-fond 36, Triq Sant` Ursola, l-Belt Valletta. Fiz-zewg kazijiet il-kontijiet kienu f`isem Michele Vella. Il-kont tax-Xghajra kien ilu wieqaf ghal kollox mill-1998 u kien ghalhekk illi kien trasferit ghal fuq il-kont tal-post tal-Belt, dan skond policy tal-korporazzjoni. Ipprezentat Dok WS4 sa WS10 li huma *statements of account* ghall-post tax-Xghajra u tal-Belt. Fl-2010 ma jidhirx li saru hlasijiet ta` kontijiet.

**Gerald Cardona** mill-Amministrazzjoni tad-Dar San Vincenz de Paule xehed illi Michele Vella kien dahal San Vincenz fil-31 ta` Marzu 2005, u dam hemm sad-data tal-mewt tieghu – Dok GC1. Michele Vella kien dahal ukoll San Vincenz bejn l-20 ta` Settembru 2000 u d-29 ta` Novembru 2002. Telaq id-Dar ghaliex ried jitlaq. Ma jirrizultax illi wara l-2002 Michele Vella dahal San Vincenz bhala *respite* u cioe` ghal perijodu ta` mhux aktar minn xahar. Id-dokumenti esebiti bhala Dok 1 u Dok 2 kienu dokumenti ta` San Vincenz de Paule. Ipprezenta l-applikazzjonijiet li ghamel Michele Vella biex jidhol San Vincenz bl-indirizz tar-residenza li ndika u cioe` 22, Triq il-Kappuccini, Kalkara (Dok SVDP1 u SVDP2).

**Pauline Schembri** – oht Michele Vella – xehdet li huha Michele miet fl-eta` ta` 59 sena. Kien mizzewweg lil Margaret Malan, pero` kienu sseparaw ftit qabel miet. Kellhom tlitt itfal : Andrew, Josette u Stephanie. Meta kien ghadu mal-mara, kien jghix il-Kalkara u l-Fgura ; meta kien mifrud mill-mara, kien jghix ma` Daniela Vella fi Triq Sant` Ursola, Valletta. Daniela kienet n-neputija tieghu u cioe` t-tifla ta` huh. Dwar is-sahha ta` Michele, xehdet illi ma kenitx tajba : l-ewwel tatu puplesija, wara ghamel *bypass* u wara qatghulu daqajh it-tnejn. Il-problemi ta` sahha kienu diga` ezistenti meta kien ghadu mal-mara. Meta tatu l-puplesija, dahal St. Luke`s u mar ukoll San Vincenz de Paule. Wara li qataghlu saqajh ma setghux jibqghu jduru bih ; ghalhekk kien jorqod San Vincenz de Paule. Dam ighix ma` Daniela ghal zmien twil u mar San Vincenz biss wara li qatghulu t-tieni sieq. Milli tiftakar, Michele ha l-post tal-Belt ghal habta tas-sena 2000 jekk mhux aktar. Meta ha l-post kien qisu "maqjel tan-naghag" ; irrangah u ghamlu abitabbli. Ghall-ewwel ikkontribwixxa hu, u wara kompliet bit-tiswijiet l-attrici. Meta Michele kien jghix fi Triq Sant` Ursola, Valletta, l-attrici kienet tghix mieghu.

**L-attrici** xehdet illi qabel is-sena 2000, hija kienet tghix man-nanna taghha fil-fond 255, St Ursola Street, Valletta. Fis-sena 2000, marret tghix maz-ziju taghha Michele Vella fil-fond 36, St Ursola Street, Valletta. Ghal dan il-post, Michele kien hallas kera lill-Awtorita` tad-Djar. Kien beda jghix hemm fl-1999. Qabel kien ighix mal-mara tieghu Margaret Malan il-Kalkara. Meta Michele mar ighix il-Belt, mar wahdu ghaliex kien infired minn martu. Meta ha l-post ma kienx fi stat tajjeb. Beda johrog l-ispejjez tat-tiswija hu, u kompliet tohroghom hi. Meta Michele ha l-post, ma kienx f`qaghda tajba ta` sahha. Ghamel *bypass* u beda sejjer lura sa ma qatghulu l-ewwel sieq. Sa dak iz-zmien baqa` jghix fil-post tal-Belt, izda ghal habta tal-2003/2004, qatghlu s-sieq l-ohra. Ir-residenza fissa tieghu kienet dik tal-Belt ghalkemm kien hemm

drabi li kien imur San Vincenz de Paule, ghalkemm ghal perijodi qosra. Wara li qatghulu t-tieni sieq, mar San Vincenz u baqa` hemm ; xi darba jew darbejn fix-xahar kien imur id-dar tal-Belt.

L-attrici kienet domandata ghaliex bejn is-sena 2000 u l-2005, kien hemm perijodu fejn jidher li kien jghix il-Kalkara. Hija wiegbet illi kien jidher hekk billi kien jircievi cheque tal-pensjoni u kienet tiehu dak ic-cheque t-tifla. Ikkonfermat illi hi tghix fil-post tal-Belt u thallas il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma. Fuq il-kont tal-Belt, il-korporazzjoni ttrasferiet kont li Michele kellu fuq post ix-Xghajra. Hi ma kenitx taf b`dak il-post tax-Xghajra. Meta Michele beda jmur lura minn sahtu, hi bdiet tmur il-Ministeru tas-Sigurta` Socjali biex iddawwar kollox fuqha. Kellmet diversi nies, fosthom Carmen Cooks u Liliana Risiott. Dawn qalulha li se jinqaleb kollox fuqha u li kellha bzonn karta minghand Michele li kien se jeqleb l-kera fuqha. Fil-fatt kienu marru ghand Nutar, saret din il-karta u haditha l-Ministeru, izda l-kera baqghet ma nqalbitx fuqha. Wara li miet Michele, baqghet thallas l-kera billi tpoggieha l-Qorti. Fil-perijodu bejn meta miet Michele u meta bdiet tiddepozita l-kera l-Qorti, kienu jghidulha li se jaraw l-file u li kollox kien se jdur fuqha. Wara ftit saret laqgha, li ghaliha kienu prezenti l-Perit Anton Camilleri u s-sidien tal-post. Il-proposta li saritilha kienet illi l-kera tizdied ghal €150 fix-xahar, kull sena l-kera toghla skond l-gholi tal-hajja, u wara hames snin tohrog. Hi ma accettatx dik il-proposta. Il-Perit Camilleri beda jinsisti maghha li taccetta. In segwitu s-sidien kienu bdew proceduri legali kontra taghha biex jizgumbrawha mill-post. Il-kawza kienet deciza kontra taghha u sar appell. Il-Perit Camilleri qalilha wkoll li jekk kienet sejra tkompli tirrifjuta l-proposta, kien se jnehhi r-requisition order kif fil-fatt ghamel.

Fil-**kontroezami**, xehdet illi madwar tletin jew erbghin metru boghod mill-post tal-Belt kien hemm ir-ristorant ta` missierha Sicilia Bar fejn tahdem.

**Carmen Azzopardi** mill-Awtorita tad-Djar xehdet illi fit-12 ta` April 1999, id-Dipartiment tad-Djar kien alloka l-fond 36, Triq Sant` Ursola, Valletta, lil Michele Vella. Imbaghad kien hemm perijodu fejn d-Dipartiment sar jaf li Michele Vella kien bidel l-indirizz ghal dak li kellu qabel. Ufficjali tad-Dipartiment ghamlu diversi spezzjonijiet fil-fond tal-Belt u rrizulta li Michele Vella ma kienx qed jghix hemm izda kien *respite* San Vincenz de Paule fejn dam mid-29 ta` Novembru 2000 sad-29 ta` Novembru 2002. Saru jafu wkoll li fil-fond kienet qed toqghod l-attrici, li tigi n-neputija ta` Michele Vella. Id-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali ha decizjoni li l-kirja kellha tispicca ghaliex Michele Vella ma kienx qed jokkupa l-fond. Ghalhekk informa lill-

Kummissarju tal-Pulizija li l-attrici kienet qed tokkupa l-fond bla ma kellha titolu ; inoltre d-Dipartiment kellu indikazzjoni li l-fond kien hemm *dangerous structure*.

Kompliet tixhed illi ftit wara li kien allokat il-post tal-Belt, Michele Vella mar jirrisjedi l-Kalkara u wara mar San Vincenz de Paule. Effettivament Michele Vella dam ighix fil-fond tal-Belt ghal inqas minn sena. Id-Dipartiment tal-Artijiet kiteb lil Michele Vella fejn avzah li l-kirja kienet se tigi terminata ; inoltre kien avzat li kien se jkun hemm eviction fil-25 ta` Jannar 2004.

Stqarret illi fit-30 ta` Marzu 2004, l-attrici kienet talbet sabiex tigi rikonoxxuta, izda t-talba taghhom kienet respinta. L-attrici ghadha qeghda tokkupa l-fond bla titolu. Il-fond ghaliex huma qatt ma tawha titolu. L-ordni ta` rekwizizzjoni fuq il-post tnehhiet fit-23 ta` Ottobru 2008, billi miet Michele Vella. Ipprecizat li residenza mal-inkwilin ma kienx jaghti dritt ghal rikonoxximent. Mill-2002, id-Dipartiment ma accettax kera. Wara l-kera bdiet tigi depozitata l-Qorti.

Qalet illi l-Awtorita tad-Djar kienet taf li Michele Vella kien mar lura jghix l-Kalkara abbazi tar-Registru Elettorali li hareg bejn l-2001 u l-2005 (Dok RZ1 sa RZ8). Vella kien registrat jew il-Kalkara jew San Vincenz. Minn informazzjoni li kellhom, Vella kien mar San Vincenz ghaliex kien qed jistenna sieq artificjali. Ipprezentat estratt tar-Registru Elettorali fejn jirrigwarda Margaret Malan (Dok RZ9) u ittra li baghtet l-attrici datata 30 ta` Marzu 2004 (Dok RZ11).

Kompliet tghid illi l-ordni ta` de-rekwizizzjoni kienet iffirmata minn Lorna Pavia li dak iz-zmien kienet Direttur tas-Social Housing. Meta tohrog ordni ta` din ix-xorta, tintbaghat kemm lis-sid u kif ukoll lill-persuna li jkollha c-cavetta tal-fond ; fil-kaz tal-lum, billi l-attrici kellha c-cavetta l-ordni marret ghandha ukoll ghalkemm ma kenitx rikonoxxjuta. L-ordni ma marritx ghand l-eredi ta` Michele Vella ghaliex l-Awtorita` kienet taf l-post kien okkupat minn Daniela Vella u ghalhekk baghtu l-ordni lilha. Dak iz-zmien il-Perit Anton Camilleri kien Agent Direttur. Mistoqsija jekk kienux is-sidien li talbu li titnehha l-ordni ta` rekwisizzjoni, ix-xhud wiegbet illi s-sidien baghtu ittra fejn qalu li huma qatt ma rcevew l-ordni ta` rekwizzjoniji tal-fond. Dwar Dok 3, ix-xhud stqarret li l-ittra li baghat id-Dipartiment ma marritx lura mhux konsenjata.

**Connie Bonaci** xehdet illi kienet ilha taf lill-attrici minn meta kienet zghira meta kienet toqghod Triq Sant` Ursola, Valletta, man-nanna taghhom. Lil Michele Vella kienet tafu wkoll ; kien jghix fi Triq Sant` Ursola, Valletta, hdejn l-fabbrika tar-ragel taghha. Tghid li hi kienet tkun il-Belt kuljum u dejjem rat lil Vella hemmhekk. Baqa` jghix Triq Sant` Ursola, Valletta, anke meta kien bla saqajn. Beda jghix fil-post ghall-habta tal-1999-2000 sal-2005 meta miet. Meta mar joqghod hemm, l-attrici marret toqghod mieghu.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud wiegbet illi kienet ilha mizzewga tletin (30) sena u kienet toqghod Triq il-Merkanti, Valletta. Pero` kien hemm zmien fejn kellhom post go Triq Sant` Ursola fejn ghamlu zmien joqghodu. Ma setghetx tiftakar kemm damet toqghod go dan il-post, ghalkemm ftakret kemm dam ighix Michele Vella go Triq Sant` Ursola. Kienet tara lil Michele Vella kuljum meta kienu johorguh. Kull meta kienet tinsel hemm kienet tara lill-attrici u lil Michele Vella. Ir-ragel taghha ghandu hanut fi Triq Santa Lucia u hi kienet tmur tghinu.

**Perit Anton Camilleri** xehed illi beda jahdem l-Awtorita` tad-Djar mill-1982. Kien Agent Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali bejn Novembru 2006 u Frar 2008. Meta ha l-hatra, wiehed mir-remits tieghu kien li jaccellera l-process tad-derekwizizzjoni tal-propjeta`. Il-policy kienet li fejn is-sid ikun irrikonoxxa lill-inkwilin, ma kienx ikun hemm problema, u allura l-ordni ta` rekwizizzjoni kien jitnehha. Fejn ma kienx ikun hemm rikonoxximent, kien jipprova jkun proattiv u jipprova jwassal lill-partijiet ghal ftehim. Dan tal-attrici kien wiehed minn dawn il-kazi. Fil-kaz tal-attrici, is-sid irrifjuta li jaghti rikonoxximent lill-attrici.

**Grazia Vella** xehdet illi l-attrici kienet tigi bintha. Qabel is-sena 2000, l-attrici kienet tghix man-nanna taghha. Wara marret tghix maz-ziju taghha Michele Vella. Ma` Michele kienet tiltaqa` kwazi kuljum ghaliex huma ghandhom hanut qrib ta` fejn kien joqghod hu. Wara li lil Michele qatghulu saqajh it-tnejn mar joqghod ma` uliedu sabiex il-flus tal-pensjoni tieghu johduhom huma. Dam maghhom minn hamsa sa sitt snin.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Sottomissjonijiet</u>**

**1) <u>l-attrici</u>**

Dwar s-seba` (7) eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta, l-attrici tissottometti li a tenur tal-Art 8(6) tal-Kap 125, kuntratt ta` kera fejn ikun hemm ordni ta` rekwizizzjoni huwa governat mill-Kap 69. Bla pregudizzju ghal din is-sottomissjoni, jekk l-Awtorita` ssostni li l-kirjiet ta` wara l-1 ta` Gunju 1995, mhumiex koperti mill-Kap 69, il-kirjiet ta` fondi moghtija mill-Awtorita` tad-Djar huma eccezzjoni ghal din r-regola a tenur tal-Art 46 tal-Kap 69. Ghalhekk it-terminu *kerrej* fil-Kap 69 huwa applikabbli ghall-istess terminu adoperat fil-Kap 125. Dan ifisser illi ladarba meta miet Michele Vella, huwa kien legalment separat minn martu, l-attrici bhala neputija tieghu kienet tikkwalifika bhala *membru tal-familja*, li kienet residenti mieghu certament fl-ahhar hames snin ta` hajtu. L-attrici kienet tikkwalifika bhala *kerrej* kemm ghall-fini tal-Kap 69 kif ukoll ghall-fini tal-Kap 125. L-applikabilita` tal-Kap 69 kienet tacitament accennata fis-sentenza ta` din il-Qorti (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tas-26 ta` Novembru 2003 fil-kawza "**<u>Anna Fleri Soler et vs Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali et</u>**".

L-attrici tirrileva li b`kuntrast ghas-seba` (7) eccezzjoni, kien hemm erba` punti li gew ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza. L-ewwel nett : l-ordni ta` de-rekwisizzjoni ntbaghat lill-attrici. Ghall-attrici dak huwa prova li l-Awtorita` kienet irrikonoxxietha bhala inkwilina tal-fond. It-tieni nett : kien hemm diversi laqghat tal-attrici ma` rapprezentanti tal-Awtorita`. It-tielet : l-Awtorita` kienet a konoxxjenza tal-fatt li l-attrici kienet qeghda tokkupa l-fond fiz-zmien li l-fond kien allokat lil Michele Vella. Ir-raba` : l-Art 8(2) tal-Kap 125 jikkontempla rimedju accessibbli lil rekwizizzjonat sabiex jikkontesta d-decizjoni tad-Direttur illi tordnalu jirrikonoxxi bhala kerrejja l-persuni ndikati minnu. Jidher li dan r-rimedju ma giex utilizzat mis-sidien u ghalhekk Michele Vella kien implicitament rikonoxxut bhala inkwilin mill-1999 sal-2005.

Dwar t-tielet (3), r-raba` (4) u l-hames (5) eccezzjoni tal-Awtorita`, l-attrici tirrimarka li dawn huma skorretti ghaliex : a) il-legislazzjoni domestika ma taghmilx restrizzjoni dwar tnehhija ta` ordni ta` rekwizizzjoni ; b) ordni ta` din ix-xorta tista` ssir f`kull waqt anke sabiex ma jigux lezi d-drittijiet tas-sidien ; u c) ma hemm l-ebda pre-rekwiziti sabiex jinhareg dak l-ordni. L-attrici tippreciza illi minhabba l-fatt li l-ordni ta` derekwizizzjoni hareg fl-2008, f`liema sena l-inkwilina kienet l-attrici, l-pre-rekwiziti sabiex fond jigi derekwizizzjonat kellhom jissusistu fil-konfront taghha. Inoltre bil-fatt li l-ordni kien notifikat lill-attrici jimmilita favur taghha ghaliex f`ghajnejn l-Awtorita` l-attrici kienet inkwilina. L-Art 9 tal-Kap 125 jaghti sostenn lit-tezi attrici. Skond din id-disposizzjoni, sabiex fond jigi de-rekwizizzjonat jew i) l-inkwilin ma jkunx qieghed juza l-bini ghal ghanijiet residenzjali jew ii) l-inkwilin ikun s-sid jew ikollu access ghal proprjeta ohra jew iii) li dan ikun mehtieg fl-interess tad-difiza, sigurta` pubblika, ordni pubbliku jew sahha pubblika.

Skond l-attrici gie ppruvat minghajr ebda dubju li l-attrici kienet tirrisjedi kontinwament fil-fond de quo mill-2000 `il quddiem. Il-fatt li l-attrici ghamlet diversi benefikati fil-fond huwa prova li hija m`ghandhiex access jew mhijiex is-sid ta` xi fond iehor fejn tista` tirresjedi. Prova ohra dwar dan il-fattur hija l-kawza fl-ismijiet "**Thomas Cauchi u Catherine Cauchi vs Daniela Vella"** deciza minn din il-Qorti fil-15 ta` Dicembru 2010 li ghalkemm deciza kontra l-attrici kienet appellata.

L-attrici tirrimarka li fid-debattitu fil-Parlament tal-2004 kien inghad illi l-ordnijiet jinhargu meta s-sid ta` fond rekwizizzjonat jaghmel rikjesta, u fl-eventwalita` li fond ikun battal. Inghad ukoll li ghalkemm il-Gvern kien kontra l-ordnijiet ta` rekwizizzjoni, ried ihares id-drittijiet tal-inkwilini. L-attrici taghmel referenza ghas-sentenza "**Anna Fleri Soler et vs Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali et**" (op. cit.) u "**Giovanna sive Jennifer Casha et vs Chairman tal-Awtorita tad-Djar et"** deciza minn din il-Qorti (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-16 ta` Novembriu 2011.

Dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta` integrita`, l-attrici tirrileva li l-kawza tal-lum tittratta dwar it-thassir ta` ordni ta` de-rekwizizzjoni u rrizulta li mhijiex fid-diskrezzjoni tas-sidien jekk ordni ta` dak ix-xorta johrogx inkella le. Saret riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) moghtija fil-15 ta` Jannar 2007 fil-kawza "**Carmen Cilia vs Carmela Grech**".

**2) <u>l-Awtorita` konvenuta</u>**

L-Awtorita` tissottometti li l-fatti li ma gewx indikati mill-attrici huma l-aktar rilevanti ghall-esitu ta` din il-kawza. L-attrici qatt ma giet rikonoxxuta bhala l-persuna li favur taghha kien hareg l-ordni ta` rekwizizzjoni ghaliex dak l-ordni inhareg favur Michele Vella. Irrizulta li fit-3 ta` Lulju 2003, il-kirja ta` Michele Vella kienet giet terminata. Din it-terminazzjoni sehhet konsegwenza tal-fatt illi Michele Vella ma kellux aktar htiega ta` akkomodazzjoni socjali, u allura skond il-policy tal-Awtorita`, il-fond kellu jitnehha minn taht il-kappa tal-ordni ta` rekwizizzjoni sabiex jinghata lura lis-sid.

Skond l-Awtorita`, ir-rikors guramentat tal-attrici huwa legalment insostenibbli. Li kieku riedet tassew l-attrici timpunja l-eghmil amministrattiv tal-Awtorita` kellha ghad-disposizzjoni taghha r-rimedju li jaghti l-Art 469A tal-Kap 12 ; minn dan ma sar xejn.

L-Awtorita` tirrileva illi s-sidien mhux talli qatt ma rrikonoxxew lill-attrici bhala inkwilina izda ghamlu kawza kontra taghha sabiex jizgumbrawha mill-fond de quo, liema kawza kienet deciza fil-Prim` Istanza kontra l-attrici. Ordni ta` rekwizizzjoni huwa personali, intiz biex jipprotegi persuna, u ghalhekk ma jistax jigi estiz biex wara l-mewt tal-persuna de qua, tinghata ghajnuna lil persuna li ma tehtiegx tali ghajnuna. Li kieku wiehed kellu jaccetta illi l-attrici kienet tabita tabilhaqq ma` Michele Vella, haga li hija kontradetta fis-sentenza ta` zgumbrament, l-attrici ma kenitx kerrejja, qatt ma kienet rikonoxxjuta bhala inkwilina, u kwindi ma tistax ddur lejn l-ligi tal-kera ghal harsien. Fl-istess waqt lanqas ma tista` l-attrici tivvanta l-protezzjoni tal-ordni ta` rekwizizzjoni ghaliex dik l-ordna ma kenitx harget biex thares lilha.

L-Awtorita` tirrimarka illi l-Qorti ma tistax tiddeciedi dwar l-ewwel talba tal-attrici stante li talba bhal din diga` kienet decizjoni fil-kawza ta` zgumbrament istitwita mis-sidien. Dwar it-tieni, t-tielet u r-raba talbiet, l-attrici setghet biss tagixxi ai termini

tal-Art 469A tal-Kap 12 u ladarba ma rrikorrietx ghal dik il-procedura, id-diskrezzjoni li esercitat l-Awtorita` mhijiex aktar sindakabbli.

L-Awtorita` tinsisti li l-attrici ma kellhiex titolu ta` kera u tirreferi ghas-sentenzi : "**Paul Abela vs Sheehan Jane**" deciza mil-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-24 ta` Marzu 2004 ; "**Agnese Gera de Petri vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali**" deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Jannar 2003 ; "**Arthur Vella et vs Kevin Briffa et**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta` Mejju 2001 ; u "**John Calleja pro et noe vs David Mifsud**" deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera fil-24 ta` Jannar 2001.

**Ikkunsidrat :**

**IV. It-tieni eccezzjoni**

L-Awtorita` eccepiet li l-gudizzju ma kienx integru ghaliex is-sidien tal-fond de quo ma kienux parti fil-kawza.

Il-pern tal-istanza attrici hija l-impunjazzjoni tal-ordni ta` de-rekwizizzjoni.

Meta fond jigi rekwizizzjonat, jinholoq rapport dirett bejn id-Direttur jew l-Awtorita` u l-persuna li jkun allokat lilha l-fond ghal skop ta` residenza. Malli johrog ordni ta` rekwizizzjoni u sakemm dak l-ordni jibqa` fis-sehh, is-sidien tal-fond ma jistghux jezercitaw id-drittijiet taghhom (ara :- **Kollez. Vol. XLIV.I.42** ; u "**Paul Abela vs Jane Sheehan**" – Qorti tal-Appell Inferjuri – 24 ta` Marzu 2004). Fond ma jibqax rekwizizzjonat b`ordni tad-Direttur ; legalment is-sidien m`ghandhom l-*ebda voce in capitolo* fit-tehid ta` dik id-decizjoni.

**Il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**V. Risultanzi**

**1) L-ewwel talba**

Jirrizulta li fit-3 ta` Jannar 1983, is-Segretarju tad-Djar hareg ordni ta` rekwizizzjoni fir-rigward tal-fond 36, Triq Sant` Ursola, Valletta. Il-post kien allokat lil Michele Vella fit-12 ta` April 1999. Skond ir-Registru Elettorali, l-uniku perijodu illi fih Michele Vella kien registrat fuq dak il-fond kien f`April 2000 (ara fol 82). Bejn l-20 ta` Settembru 2000 u d-29 ta` Novembru 2002, Michele Vella kien residenti d-Dar San Vincenz de Paule. In segwitu kien residenti l-Kalkara sakemm rega` dahal San Vincenz de Paule fit-31 ta` Marzu 2005 fejn baqa` hemm sakemm miet fit-30 ta` Novembru 2005.

Jirrizulta li l-Awtorita` hadet passi meta sabet li Michele Vella ma kienx qed jirrisjedi fil-fond tal-Belt. Hadet passi anke wara li ghamlet spezzjonijiet *in loco*. Permezz ta` ittra tat-3 ta` Lulju 2003 (ara fol 23), l-Awtorita` tterminat il-kirja ta` Michele Vella.

Jirrizulta mir-Registri Elettorali li l-attrici bdiet tkun registrata fil-fond de quo sa minn Ottobru tal-2000 `l quddiem. U hekk ghadha hemm registrata anke llum.

Jirrizulta li l-Awtorita` kienet taf li l-attrici kienet qeghda tokkupa l-fond tant li fid-9 ta` Ottobru 2003 (ara fol 24), id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali kiteb lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex dan jiehu passi biex jizgombra lill-attrici minn dak il-fond. L-attrici baqghet tokkupa l-fond u fil-24 ta` Marzu 2005 (ara fol 25), id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali baghat ittra lill-attrici fejn talabha tikkonsenja c-cwievet tal-fond.

Jirrizulta li l-Awtorita` ma accettatx il-kera li l-attrici riedet thallas, u ghalhekk b`effett mit-12 ta` April 2005, l-attrici bdiet tiddepozita l-kera taht l-awtorita` tal-qorti. Fit-23 ta` Ottobru 2008 (ara fol 274), id-Direttur ghall- Akkomodazzjoni Socjali haret ordni ta` rekwizizzjoni. L-attrici xorta wahda baqghet tokkupa l-fond. Is-sidien inizjaw kawza ta` zgumbrament li kienet deciza fil-prim` istanza kontra l-attrici fil-15 ta` Ottobru 2010, u llum hija pendenti fl-appell. Il-kawza li qeghda tkun deciza llum kienet prezentata fis-26 ta` Mejju 2009.

Fil-Kap 125, *"rekwiżizzjoni" tfisser it-teħid ta` pussess ta` bini jew il-ħtieġa lil-bini jitħalla f`idejn l-awtorità li toħroġ ir-rekwiżizzjonijiet.* Skond l-Art 8 tal-Kap 125, l-uniku mod kif l-persuna li tkun qeghda tokkupa fond rekwizizzjonat, tigi meqjusa bhala "*kerrej*" huwa meta d-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali, permezz ta` ittra ufficjali, jordna lil rekwizizzjonat sabiex jirrikonoxxi lil persuna li tkun qed tokkupa l-fond bhala *kerrej*. B`dan il-mod, is-sitwazzjoni tal-okkupant tinbidel minn titolu prekarju ghal titolu ta` inkwilinat.

Abbazi tal-provi akkwiziti, ma jirrizultax illi, a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 125, id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali pprezenta ittra ufficjali sabiex l-attrici tigi rikonoxxuta bhala inkwilina. Anzi l-Awtorita` tterminat il-kirja ta` Michele Vella kif jidher mill-ittra datata 3 ta` Lulju 2003.

Ir-rapport li jinholoq bejn id-Direttur ghall-Akkomodazzjoi Socjali u l-persuna akkomodata mhuwiex rapport ta` lokazzjoni izda huwa rapport *sui generis* regolat *ex lege* bil-Kap 125 (ara :- "**Maggur Charles Vella vs Henry Brincat**" - Appell Civili - 23 ta` Mejju 1969 ; u "**Paolo Casha vs Giuseppe Meli**" - Appell, Sede Inferjuri 6 ta` Marzu 1973).

Ghalhekk ladarba d-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali ttermina r-rapport ma` Michele Vella, u billi l-istess Direttur qatt ma kellu rapport skond il-Kap 125 mal-attrici, din ma tistax tippretendi li ghandha titolu ta` kera li dderiva minn Michele Vella u tivvanta l-applikazzjoni favur taghha tad-disposizzjonijiet tal-Kap 69. Terminat it-titolu ta` Michele Vella ma seta` qatt ikun hemm trasferiment favur l-attrici.

**Il-Qorti qeghda tichad l-ewwel talba.**

**2) It-talbiet l-ohra**

Fl-ghaxar premessa taghha, l-attrici tghid illi l-Awtorita tad-Djar minghajr il-kunsens u/jew awtorizzazzjoni taghha ordnat it-tnehhija ta` ordni ta` rekwizizzjoni kontra dak stabbilit fil-Kap 125.

Il-Qorti tirrileva illi l-attrici ma kenitx il-persuna li kienet giet akkomodata mill-Awtorita`, qatt ma kienet rikonoxxuta mill-Awtorita`, u kienet ordnata tizgombra mill-fond ghaliex kienet qed tokkupa l-fond minghajr jedd.

Il-Qorti ttenni li hekk kif intemm ir-rapport guridiku *sui generis* li kien hemm bejn id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali u Michele Vella fit-3 ta` Lulju 2003, terzi nkluza l-attrici ma setghux jipprevalixxu ruhhom minn dik ir-relazzjoni *sui generis.*

Il-Qorti tista` tieqaf hawn u tichad it-talbiet l-ohra tal-attrici.

Pero` ghall-fini ta` kompletezza ta` analizi, il-Qorti sejra taghmel riferenza ghas-sottomissjoni li ghamlet l-Awtorita` konvenuta dwar in-nuqqas tal-attrici li tfittex rimedju skond l-Art 469A tal-Kap 12.

Il-Qorti tirrileva illi fir-realta` dak li qeghda taghmel l-attrici bl-istanza taghha huwa li titlob lill-Qorti sabiex tistharreg l-eghmil amministrattiv tal-Awtorita` kostitwit mill-hrug tal-ordni ta` de-rekwizizzjoni u li tiddikjara nulla dik l-ordni ta` de-rekwizizzjoni. Propju ghalhekk li riferenza ghall-Art 469A tal-Kap 12 ma tistax tigi eskluza, anke jekk fir-rikors guramentat ma hemmx riferenza **specifika** ghal din id-disposizzjoni.

Issa fl-**Art 469A(2) tal-Kap 12** - *"eghmil amministrattiv" ifisser il-hrug ta` kull ordni, licenzja, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta` xi persuna li jsir minn awtorita pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta` organizazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita …"*

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Mejju 2002 fil-kawza "**Roberto Zamboni pro et noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti et**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"Din il-Qorti ghalhekk xejn ma tikkondividi s-sottomissjonijiet attrici li hawn si tratta ta` "azzjoni normali ghad-danni, spettanti lil kull min isofri hsara mill-agir kolpuz ta` haddiehor." Anki d-dicitura li tanima l-ahhar premessa taghhom fl-att tac-citazzjoni turi bic-car li dak li qed jissottomettu l-appellanti huwa zbaljat. Meta l-atturi jsemmu bhala kawzali li "fi kwalunkwe kaz l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi abbuz u eccess ta` poter" huwa wisq ovvju li, kif il-kwistjoni hija regolata b`ligi specjali (ghal-liema jirreferu espressament l-atturi stess), li hawn si tratta ta` allegat abbuz u eccess ta` indole amministrattiva. Issa in forza ta` l-artikolu 469A tal-Kap. 12, kif gie fis-sehh bl-Att numru IV tal- 1996, stharrig gudizzjarju ta` azzjoni amministrattiva jaqa`, fil-kazijiet applikabbli, fil-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili."*

L-attrici tippremetti li l-Awtorita\` konvenuta harget l-ordni kontra dak li jipprovdi l-Kap 125. Anke jekk lanjanza ta\` din ix-xorta *tista\`* tkun inkwadrata fl-ambitu tal-Art 469A(1)(b), jirrizulta li l-attrici ddekadiet mill-jedd li tmur ghal dan ir-rimedju in vista tal-Art 469A(3) li jghid :- *Kawza biex twaqqa\` egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta\` jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b\`dak l-egħmil amministrattiv.* Infatti fil-kaz tal-lum, irrizulta li l-ordni ta\` de-rekwizizzjoni harget fit-23 ta\` Ottobru 2008 ; l-attrici pprezentat ittra ufficjali fl-20 ta\` Marzu 2009 ; u l-kawza kienet prezentata fis-26 ta\` Mejju 2009. L-attrici taccetta li rceviet hi stess l-ordni ta\` de-rekwizizzjoni *a tempo vergine* ; anzi nqdiet b\`dak li rceviet sabiex tressaq l-argument li kellha rikonoxximent minghand l-Awtorita\` tad-Djar. Is-sitt xhur imsemmija fl-Art 469A(3) huma perijodu ta\` dekadenza u ghalhekk il-presentata tal-ittra ufficjali tal-20 ta\` Marzu 2009 ma swiet xejn lill-attrici. Kwindi l-attrici ddekadiet mill-azzjoni. Fis-sentenza taghha tat-23 ta\` Novembru 2011 fil-kawza "**<u>Abdel Hamid Alyassin vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk :-

*"Illi huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta\` sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta\` dekadenza. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta\` terminu ta\` preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għamil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi;"* (Ara ukoll P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Zammit vs Awtorita\` tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata); P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta*** (mhix pubblikata) ; u App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et*** (Kollez. Vol : **LXXXVI.ii.313)**

Ghalhekk lanqas fuq il-binarju tal-Art 469A tal-Kap 12 ma tista\` tirnexxi l-azzjoni attrici.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta\` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad it-tieni eccezzjoni.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Tichad it-talbiet kollha tal-attrici.**

**Tordna lill-attrici sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------